MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 55/1999/1

**Avviz numru 55/99DM**

**Joseph Desira**

**Vs**

**Nefal Zhejani**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' Lm804.60 (tmien mija u erba' liri Maltin u sittin centezmu) rapprezentanti danni minnhu kkagunati lill-attur fl-incident stradali li gara fis-26 ta' Mejju 1998, ghal habta tat-8.00 am f'Selmun Road, Mellieha, waqt li l-konvenut Nefal Zhejani kien qed isuq vettura numru tar-registrazzjoni AAR-901 u bi traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, habat mat-trukk Leyland numru EAX–785 misjuqa mill-attur u proprjeta tieghu, u

kkagunalhu diversi danni, konsistenti fi hsara fit-trukk tieghu u danni ohra konsegwenzjali, skond l-istatement anness ma’ l-avviz– dok A; u dana prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament hati ghall-istess incident stradali.

Bl-interessi u bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici in kwantu huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur;
2 In sostenn ta’ dak hawn fuq premess, l-eccipjenti jiddikjara illi huwa digia rcieva l-hlas ghad-danni minnu sofferti fl-incident *de quo* minghand is-socjeta assikuratrici ta’ l-attur, Laferla Insurance Agency Limited u huwa biss ghalhekk illi mhux qed jipprezenta l-kontro talba tieghu relattiva ghall-istess;
3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Illi ghal dak li jirrigwarda responsabilita’ ghall-incident jirrizultaw verzjonijiet differenti kif moghtija mill-kontendenti. Minn naha tieghu l-attur jikkontendi illi waqt illi huwa kien qed isuq it-truck tieghu f’Selmun Road, il-Mellieha, miexi fid-direzzjoni tal-Mellieha ghat-telgha, huwa ltaqa’ ma’ ‘crane’ li kien qed jigi misjuq fl-istess direzzjoni tieghu u kien quddiemhu. Billi dan il-crane kien miexi tant bil-mod li kien kwazi wieqaf l-attur isosstni li

kellhu jghamel manuvra ta’ sorpass kif ghamel traffiku iehor li kien wara l-crane qabel ma lahaq l-attur.

L-attur, ikkorroborat minn Jason Gatt impjegat mieghu li kien rikeb mieghu kif ukoll minn Kenneth Briggs li kien is-sewwieq tal-crane illi kien quddiemhu, jkompli jsosstni illi, qabel ma ghamel il-manuvra ta’ sorpass, huwa esplora it-triq li, fil-pozizzjoni fejn kien, kienet toffri viswali ghat-tul. Meta kkonstata li ma kienx niezel traffiku mid-direzzjoni opposta huwa ghamel din il-manuvra ta’ sorpass.

Kif ikkompleta din il-manuvra u kien qed jiehu postu fuq in-naha tax-xellug tat-triq biex jipprocedi regolarment, huwa lemah il-vettura misjuqa mill-konvenut qeghda tavvicina lejh bi ‘speed’ eccessiv u kif appena l-konvenut qabez il-liwja li hemm fit-triq (kif murija fir-ritratt JD5 a fol. 40 tal-process) dan il-konvenut tilef il-kontroll u l-vettura tieghu baqghet diehla go t-truck misjuq mill-attur u spiccat bejn ix-xellug ta’ dan it-truck u c-cint fuq in-naha tax-xellug tat-triq (kif murija fir-ritratt  li deher fil-harga tal-gurnal l-Orizzont tas-27 ta’ Mejju, 1998, li jinsab esibit a fol 43 tal-process immarkati dokument JD8).

Min-naha tieghu l-konvenut isosstni illi l-kawza ta’ l-incident kienet il-manuvra ta’ sorpass li kien ghamel l-attur peress illi, meta huwa hareg minn dik il-liwja diga’ msemmija li hemm fit-triq waqt li kien niezel in-nizla, sab il-karreggjata tieghu mblokkata totalment mit-truck misjuq mill-attur, ma kellux minn fejn jghaddi, ma rnexxilux jevita l-iskontru u spicca fil-posizzjoni indikata fid-dokument JD8.

Il-Qorti, ghalhekk ghandha l-kompitu li tara liema wahda minn dawn iz-zewg verzjonijiet hija l-iktar wahda veru simili tenut kont tal-fatturi l-ohra kollha rizultanti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Fattur importanti li definittivament jinfluwixxi fuq il-kaz in kwistjoni huwa l-fatt illi t-truck ta’ daqs konsiderevoli fit-telgha fejn grat il-habta, biex ghamel il-manuvra ta’ sorpass ma setghax kien miexi b’velocita’ ta’ karozza privata normali izda definittivament b’velocita’ ferm iktar

baxxa li ghalhekk timplika illi l-manuvra ta’ sorpass hadet certu tul ta’ zmien iktar milli setghu hadu l-vetturi l-ohra privati illi ghamlu l-istess manuvra.

Dan it-tul ta’ zmien jitfa’ obbligu fuq l-attur illi qabel ma jezegwixxi l-manuvra minnu ntiza kellu jaccerta ruhu mhux biss illi ma kienx hemm traffiku gej mid-direzzjoni opposta fil-vicinanzi, izda illi ma kien jidher xejn traffiku u li ghalhekk seta’ jaghmel il-manuvra tieghu f’dak iz-zmien necessarju biex tigi kompletata minghajr ma jkun ta ebda ostakolo ghal traffiku iehor.

F’dan ir-rigward l-attur korroborat mix-xhieda ta Gatt u Briggs isosstni li effettivament, kemm meta beda l-manuvra ta’ sorpass kif meta spiccaha, traffiku mid-direzzjoni opposta kien ghadu ma tfaccax.

Bl-istess mod din il-velocita’ baxxa tat-truck tal-attur ukoll timplika illi ghadda certu zmien sakemm it-truck ta’ l-attur wasal fil-pozizzjoni kif giet indikat fir-ritratti u fl-iskecc maghmul mill-ufficjali tal-pulizija li nvestigaw il-kaz.

Billi din hija posizzjoni illi turi illi hlief ghal parti zghira ta’ wara tat-truck dan kien diga’ kollu fuq il-karreggjata tieghu u billi l-habta ma saritx f’daqqa habta u sabta, jirrizulta illi, minn meta l-konvenut tfacca mil-liwja fit-triq iktar il-fuq, il-vizwali tieghu kienet tikkonsentixxi illi jara t-truck tal-attur u dan bilfors kien diga’ qieghed tant il-gewwa fil-karreggjata tieghu illi kien jippermetti lill-istess konvenut illi jghaddi mil-karreggjata l-ohra minghajr ebda tfixkil.

Infatti fiz-zmien li lahaq ghadda minn meta l-konvenut intebah bit-truck tal-attur sal-habta li skond il-konvenut.grat kif appena telaq il-liwja li kien hemm fit-triq, it-truck tal-konvenut f’dan iz-zmien tant qasir ma setghax kien tant iktar lura mill-pozizzjoni illi jidher fl-iskecc meta rah l-ewwel darba l-konvenut.

Ghalhekk, dan il-fattur jindika illi effettivament, minn meta l-konvenut seta’ ikollu l-vizwali kompleta tat-triq quddiemu, l-karreggjata tieghu ma kienet b’ebda mod imblokkata jew ostakolata serjament mit-truck misjuq mill-attur.

Ghalhekk, jidher illi huwa l-mod ta’ sewqan tal-konvenut illi huwa l-kawza principali tal-kollizjoni. Infatti z-zewg xhieda okulari prodotti mill-attur, isostnu illi hareg mill-liwja b’velocita’ eccessiva u t-tnejn isosstnu, kif ghamel l-attur, illi l-konvenut tilef il-kontroll assolut tal-vettura tieghu illi baqghet diehla fit-truck tal-attur.

Il-Qorti ukoll kondividi din il-verzjoni u tikkonkludi li l-konvenut, qed isuq b’velocita eccessiva, gie sorpriz meta it-truck kien jidher xi ftit spostat lejn il-karreggjata tieghu u kien meta kien qieghed fil-posizzjoni ndikata fl-iskizz maghmul mill-ufficjal tal-pulizija.

Minn naha tieghu l-konvenut jaghmel riferenza ghall-fatt illi l-assikuraturi tal-attur kienu ghamlu pagament lill-konvenut u lill-martu ghas-saldu ta dawk il-hsarat u danni kollha li huma sofrew f’din il-kollizjoni, u dana biex jimplika xi amissjoni ta’ responsabbilita’ li seta ghamel l-attur.

Pero’ minn ezami tal-ircevuti minnu stess rilaxxjati, li jinsabu esibiti a fol. 72 u 73 tal-process, jirrizulta illi l-istess konvenut u martu kienu rcevew dawn il-pagamenti b’dikjarazzjoni espressa minnhom stess illi kienu qed jircievu dan il-pagament bil-kondizzjoni illi dan ma setghax jigi nterpretat bhala xi ammissjoni tar-responsabbilita’ la da parti tal-assikuraturi u wisq inqas da parti ta’ l-attur Joseph Desira li ma kienx parti ghal din it-transazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti ssib illi huwa l-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni, u ghalhekk irid jaghmel tajjeb ghal dawk id-danni kollha illi sofra l-attur minhabba dan l-incident kemm ghat-tiswija tal-hsarat li garrab it-truck kif ukoll ghal spejjez ohra u telf ta’ qliegh konsegwenzjali.

Mis-‘survey report’ relattiv illi sar minn Alfred Farrugia u li jinsab esibit a fol. 109 tal-process, jirrizulta illi ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez necessarji biex jigi rreparat it-truck dawn kienu kkalkolati illi jammontaw ghal madwar sitt mija u tletin lira Maltin (Lm630).

Ghaldaqstant, l-ammont li qed jitlob l-attur f'dan ir-rigward fis-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) inqas ammontanti ghal hames mija, disgha u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (lm529,60) huwa ampjament gustifikat.

Inoltre bhala danni konsegwenzjali l-gurnata xoghol ta' erba' (4) minn nies fis-somma ta' hamsin lira Maltin (Lm50) illi qieghed jirreklama huma wkoll gustifikati, peress illi, b'kawza ta' din il-kollizjoni f'dik il-gurnata lavorattiva, xoghol ma setghax isir meta l-konvenut stess li qed jimpjega l-haddiema evidentement ma setghax ukoll jidderigi x-xoghol waqt illi ghadu fuq il-post ta' l-incident sakemm saru l-investigazzjonijiet necessarji.

Del resto, skond il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Jannar, 2003, il-kontestazzjoni tal-konvenut dwar il-*quantum* tad-danni hija diretta iktar ghal dak li jirrigwarda l-'loss of use' ghal-hames (5) t'ijiem li fih it-truck tal-attur kellu jissewwa.

F'dan ir-rigward xehed Alfred Mizzi, illi kien persuna illi kien kera truck sostituttiv lill-attur, u dana stqarr illi ghall-kera ta' dan it-truck huwa kien thallas bir-rata ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) kulljum u kkonferma illi l-ircevuta a fol. 4 tal-process giet rilaxxata minnu in konferma tal-hlas.

Fin-nuqqas ta' xi prova ndikattiva illi s-somma ta' hamsa u erbghin lira Maltin (Lm45) ghal kull gurnata bhala kera ta' truck bid-'driver' hija esagerata, il-Qorti ssib illi din ir-rata ghandha titqies rata normali ghall-kiri ta' truckijiet bhal ma kien ta' l-attur u ghaldaqstant issib illi l-attur huwa gustifikat illi jitlob is-somma ta' tmin mija u erba' liri Maltin u sittin centezmi (Lm804.60) bhala d-danni totali li huwa sofra fl-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-Qorti tiddikjara illi kien il-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali in kwistjoni, qieghda tillikwida d-danni totali li sofra l-attur a kawza ta' dan l-incident fis-somma ta' tmin mija u erba' liri Maltin u sittin centezmi (Lm804.60) u qieghda tilqa' t-talba attrici u tikundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma msemmija ta' tmin mija u erba' liri Maltin u sittin

centezmi (Lm804.60) in linea ta' danni sofferti mill-attur fl-incident in kwistjoni oltre l-imghax legali b'effett mill-14 ta' Jannar, 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------